MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru 14/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**OLIVER DEMICOLI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Oliver Demicoli, ta' 29 sena, bin Lucio u Judith nee' Nappa, imwieled Pieta' fil-5 ta' Frar 1974 u li joqghod St. Anthony

Flats, Flat 1, Triq il-Haddiema, B'Bugia, numru tal-karta ta' l-identita' 148774 M;

Talli f'Malta, matul dawn l-ahhar xhur u qabel l-4 ta' Jannar, 2003, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti

li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni  wahda;

U aktar talli f'B'Bugia matul dawn l-ahhar xhur, f'hinijiet differenti irceva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li tkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

U fl-ahhar nett talli huwa jinsab recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definittivi, u li ma' jistghux jigu mibdula.

Wara illi rat l-Artikoli 18 u 298c tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-uniku xhud ipprezentat mill-Prosekuzzjoni huwa Alfred Scicluna illi x-xhieda tieghu tghodd fi tlett (3) pagni.

Illi x-xhieda ta' l-imputat hija ta' sbatax- il-pagna fejn huwa qieghed jghati kont dettaljat tad-diversi okkazzjonijiet illi huwa kellu ma' l-istess Alfred Scicluna u l-Qorti hija konvinta illi din hija spjegazzjoni komplessiva.

Din hija kwistjoni ta’ kredibilita’.  Jezistu, bhal kull kaz, zewg versjonijiet, tnejn kredibbli, izda f’dan il-kaz forsi versjoni aktar kredibbli mill-ohra il-ghaliex aktar iddettaljata.  Dana johloq dubbju u d-dubbju ghandu jmur favur l-imputat fil-kamp kriminali.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, minhabba dana d-dubbju, qeghda tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------